

Brussell, 8 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16400/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0227 (COD)

---

---

|              |                   |
|--------------|-------------------|
| CADREFIN 361 | COEST 889         |
| POLGEN 225   | COLAC 214         |
| RELEX 1651   | COTRA 50          |
| ACP 131      | COWEB 170         |
| DEVGEN 233   | MAMA 282          |
| COHOM 191    | MOG 144           |
| COHAFA 103   | PTOM 26           |
| COAFR 343    | ELARG 164         |
| COASI 165    | GLOBAL GATEWAY 45 |

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jistabbilixxi Ewropa Globali  
- *Rapport ta' progress*

---

#### I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ressqet il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ewropa Globali.
2. Il-proposta hija parti mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perjodu 2028-2034. Il-Kummissjoni tipproponi li r-Regolament futur dwar l-Ewropa Globali jintegra u b'hekk jissostitwixxi għadd ta' strumenti ta' finanzjament estern eżistenti bħalissa<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Il-NDICI-GE, inkluż il-finanzjament għall-AMF, l-IPA III, il-Faċilità għall-Moldova, il-Faċilità għall-Ukrajna, il-Faċilità għall-Balkani tal-Punent u l-Finanzjament għall-Għajnuna Umanitarja.

3. Is-sottogrupp tal-Istrument Ewropa Globali tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (AHWP QFP Ewropa Globali) ġie stabbilit taħt il-Presidenza Daniża, bil-kompitu li jeżamina d-dispożizzjonijiet mhux fil-parentesi tal-proposta. Il-mandat tiegħu ġie approvat mill-COREPER fit-23 ta' Lulju 2025.
4. Id-diskussjonijiet tal-AHWP QFP Ewropa Globali qed isiru f'koordinazzjoni mill-qrib man-negozjati orizzontali li qed jitwettqu mill-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc orizzontali – Qafas Finanzjarju Pluriennali (AHWP QFP) – kif ukoll is-sottogruppi tal-AHWP QFP għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività (ECF) u għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (NRP).
5. L-Artikoli u l-premessi fil-parentesi tal-proposta ma ġewx diskussi fl-AHWP QFP Ewropa Globali, iżda ġew riferuti lill-AHWP QFP.
6. B'dan ir-rapport ta' progress, il-Presidenza tixtieq tinforma lill-COREPER dwar is-sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet.

## **II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL**

7. Taħt il-Presidenza Daniża, matul it-tieni semestru tal-2025, l-AHWP QFP Ewropa Globali ltaqa' tnax-il darba, inkluż għal rendikont ta' nofs it-terminu biex jiġu evalwati l-metodi ta' ħidma. L-AHWP QFP Ewropa Globali wettaq eżami fil-fond tad-dispożizzjonijiet mhux fil-parentesi tal-proposta leġiżlattiva fl-ewwel ċiklu ta' diskussjonijiet, li tlesta fl-24 ta' Novembru. Id-delegazzjonijiet ippreżentaw ir-reazzjonijiet inizjali tagħhom, ipproponew emendi bil-fomm u bil-miktub u kellhom l-opportunità li jitolbu kjarifiki. Is-servizzi tal-Kummissjoni pprovdew preżentazzjonijiet dettaljati dwar il-proposta leġiżlattiva Ewropa Globali, kif ukoll informazzjoni addizzjonali kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub (*Skedi Tekniċi u preżentazzjonijiet*) fuq talba tad-delegazzjonijiet.

8. Il-Presidenza Daniża fittxet l-opinjoniġiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
9. Il-Presidenza Daniża qed tippjana li tippreżenta l-ewwel proposta ta' kompromess dwar l-Istrument Ewropa Globali, inkluż l-Annessi tiegħu, fil-15 ta' Diċembru.

### **III. PROGRESS TAL-ĦIDMA MATUL IL-PRESIDENZA DANIZA**

10. L-eżami dettaljat tad-dispożizzjonijiet mhux fil-parentesi wassal għal test ta' kompromess tal-Presidenza, li jindirizza l-kwistjonijiet imqajma mid-delegazzjonijiet. Il-Presidenza kellha l-għan li tinkorpora kummenti u emendi speċifiċi tat-test riċevuti mill-Istati Membri matul l-ewwel ċiklu ta' diskussjonijiet fil-proposta ta' kompromess b'mod bilanċjat u koerenti, abbażi ta' sett ċar ta' prinċipji ppreżentati lid-delegazzjonijiet. Fost il-prinċipji ewlenin kien hemm l-għanijiet li jiġi rrispettat il-qafas ġenerali tal-proposta, li jiġi applikat lingwaġġ maqbul meta jkun rilevanti u li jinstab bilanċ bejn il-linji politiċi usa' u formulazzjoni dettaljata aktar granulari.
11. Id-delegazzjonijiet ser ikollhom l-opportunità li jipprovdu r-reazzjonijiet inizjali tagħhom għall-proposta ta' kompromess tal-Presidenza fil-15 ta' Diċembru, fl-AHWP QFP Ewropa Globali. Din il-ħidma ser tiġi żviluppata aktar u titkompla matul il-Presidenza li jmiss.
12. Hemm appoġġ wiesa' fost l-Istati Membri għal strument aktar flessibbli u simplifikat. Fl-istess ħin, id-delegazzjonijiet huma magħqudin fl-appell għal rwol ta' tmexxija aktar b'saħħtu għall-Kunsill, li kien ta' tħassib rikorrenti fid-diskussjonijiet. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw li għandu jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-flessibbiltà u l-prevedibbiltà. Fid-dawl tal-fużjoni ta' diversi strumenti attwali, xi delegazzjonijiet qed jappellaw għal aktar viżibbiltà għall-pajjiżi tat-tkabbir u għar-rwol importanti tal-assistenza umanitarja.
13. Id-delegazzjonijiet kollha jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-Istati Membri fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ta' Ewropa Globali. B'mod ġenerali, jeħtieġ li jiġu ddedikati aktar diskussjonijiet għar-rabta bejn il-proposta, ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament dwar il-Prestazzjoni propost, speċjalment fir-rigward tat-trasparenza fl-azzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni.

14. Ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza tal-appoġġ għall-Ukrajna, kif ukoll għall-pajjiżi tat-tkabbir. Id-delegazzjonijiet qed jappellaw għal livell ambizzjuż ta' kondizzjonalità u viżibbiltà, inkluż rwol ċar għall-Kunsill fid-deskrizzjoni tal-pjanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni u l-ġhoti ta' self ibbażat fuq il-prestazzjoni. Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar ir-regoli ta' eliġibbiltà proposti, b'mod partikolari fir-rigward ta' żieda possibbli fl-ispejjeż.
15. L-AHWP QFP Ewropa Globali kellu wkoll diskussjonijiet inizjali rigward l-aspetti esterni tal-migrazzjoni, li kkonfermaw li għadd ta' delegazzjonijiet jixtiequ jaraw id-dispożizzjonijiet rilevanti msaħħa permezz tal-introduzzjoni ta' mira indikattiva ta' nfiq. Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar il-konsegwenzi operazzjonali tal-proposta tal-Kummissjoni li ma tipprevedi l-ebda mira ta' nfiq tematiku fir-Regolament.
16. Id-delegazzjonijiet issottolinjaw il-ħtieġa li jiġu integrati l-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-qerda tal-faqar, it-tibdil fil-klima, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-bniet, id-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh. Id-delegazzjonijiet huma mħassba dwar it-tnaqqis fil-mira tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u huma kontra li l-Kummissjoni titħalla tbiddel il-mira tal-ODA ta' 90 % permezz ta' att delegat.
17. Id-delegazzjonijiet jappellaw għal aktar kjarifika tal-proporzjon bejn azzjonijiet mhux programmabbli u programmabbli, kif ukoll definizzjoni aħjar tad-differenza bejn it-tnejn. Ġie enfasizzat li l-azzjonijiet mhux programmabbli għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet programmabbli, li għandhom jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira tal-azzjonijiet.

#### **IV. KONKLUŻJONIJIET**

18. Sar progress tanġibbli fl-eżami tal-proposta.
19. Il-Presidenza Daniża stabbiliet metodi ta' ħidma effiċjenti u wittiet it-triq għat-tisħiħ tat-test fir-rigward ta' suġġetti li huma importanti għall-Istati Membri, b'mod partikolari rwol ta' tmexxija aktar b'saħħtu għall-Kunsill, lingwaġġ imsaħħaħ dwar il-prinċipji ewlenin tal-Unjoni Ewropea (*l-istat tad-dritt, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali u t-tnaqqis tal-faqar*), riflessjoni aktar preċiża tal-istatus speċifiku tal-pajjiżi tat-tkabbir, kjarifika tal-interkonnessjonijiet ma' regolamenti oħra, u l-proporzjon korrett bejn azzjonijiet programmabbli u mhux programmabbli.

20. L-AHWP QFP Ewropa Globali ser ikompli jeżamina l-abbozz ta' Regolament taħt il-Presidenza Ċiprijotta.
  21. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress dwar il-proposta Ewropa Globali u jibgħatha lill-Kunsill.
  22. Il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.
-